**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY J. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Lulju 2021**

**<u>Rikors nru: 182/2020 AGV ;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB, fejn esponiet bir-rispett u sollennement tiddikjara :

1. Illi l-attrici u l-konvenut iltaqgh meta kellhom sittax-il sena u tmintax-il sena rispettivament, u zzewgu fit-2 ta' April 2005, (certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok A). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal,

u cioe’ ED, li twieldet fit-13 ta’ Gunju, 2001, u li issa laqhet il-maggor eta’, u FD li twieldet fl-20 ta’ Ottubru 2005, (certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok B).

2. Illi l-partijiet infirdu permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ippubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Liza Camilleri, illum Schembri, fl-4 ta’ Gunju 2009 (hawn anness u mmarkat bhala Dok C).

3. Illi z-zwieg tal-kontendenti gie mahlul b’sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti, fis-27 ta ‘April, 2016 (hawn anness u mmarkat bhala Dok D).

4. Illi madwar erba’ snin ilu, allura fil-mori tal-hall taz-zwieg taghha, l-attrici zzewget lil GB, cittadin Germaniz, u flimkien ma’ zewggha hija qeghda taghti lil uliedha trobbija tajba, komda u stabbli.

5. Illi l-konvenuta m’ghandu ebda rapport mal-imsemmija uliedu u ilu zmien relattivament twil ma jkollu ebda kuntatt maghhom, filwaqt illi l-istess ulied B, ghandhom relazzjoni tajba hafna mar-ragel tal-esponenti, l-imsemmi GB, illi min-naha tieghu jqis lill-esponenti u lil uliedha bhala l-familja dipendenti tieghu.

6. Illi fix-xhur li ghaddew, l-attrici u l-imsemmi zewgha GB, kisbu offerti ta’ xoghol gewwa l-Germanja illi huma tali illi sejrin itejbu radikalment il-livell u l-kwalita’ta’ hajja tal-attrici u ta’ uliedha. Ghalhekk, l-attrici u l-imsemmi zewgha GB hejjew biex jitilqu minn Malta u jmorru jghixu l-Germanja u jiehdu tghix maghhom il-Germanja, lill-minuri FD.

7. Illi huma qeghdin jippreparaw biex jitilqu lejn il-Germanja lejn l-ahhar ta' Gunju 2021, flimkien mat-tifla tal-esponenti, F, wara li hija tispicca l-ezamijiet tal-O'levels.

8. Illi hekk kif l-attrici saret taf bil-htiega illi hija titlaq minn Malta u tmur il-Germanja, hija gharrfet b'daqshekk lill-konvenut illi rrifjuta illi jaghti l-kunsens tieghu ghas-safar tat-tifla. Minflok, huwa malajr talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tiehu lill-minuri, FD, minn Malta.

9. Illi l-esponenti kienet permezz tar-risposta taghha, tal-10 ta' Awwissu 2020, talbet ghar-revoka tad-digriet tat-30 ta' Lulju, 2020, fejn dina l-Onorabbli Qorti, kienet laqghet it-talba provizorjament. Permezz tad-digriet tal-20 ta' Awwissu 2020, dina l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub (hawn anness u mmarkat bhala Dok E.)

10. Illi l-medjazzjoni bejn il-kontendenti, ipprezentat mill-attrici, kien ghal kollox ta' xejn, billi ma hemmx possibbli kompromess mal-konvenut illi l-uniku xewqa tieghu, tidher illi hija illi jzomm lit-tifla gewwa Malta ghalkemm ma jaghmel xejn ghaliha jew maghha.

11. Illi l-attrici ma ghandha ebda dubbju illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-istess minuri titlaq minn Malta u tmur tghix gewwa l-Germanja ma' ommha l-attrici u ma' zewgha, l-imsemmi GB, mill tibqa' Malta tghix ma' missierha illi fir-rigward tieghu, l-attrici sejra tressaq provi biex turi illi l-konvenut ma huwiex , ghal bosta ragunijiet serjissimi, persuna accettabbli biex jigi fdat bit-trobbija tat-tifla minuri, anke kieku stess- kif mhux il-kaz – huwa wera xi interess illi jrabbi t-tifla jew xort'ohra wera xi interess fil-hajja, l-istudju u t-trobbija taghha.

12. Illi dawn ir-ragunijiet, jinkludu mhux biss il-fatt illi l-konvenut inqata' mill-hajja ta' wliedu u ilu ghalhekk, ma jarahom ghal fuq minn sena, izda wkoll, it-temperament vjolenti u aggressiv tal-konvenut, storja twila tad-dipendenza tieghu fuq ix-xorb u sustanzi illegali, illi wasslu wkoll billi jigi rikoverat l-Isptar b'overdose, illi jmur darbtejn Santa Marija, Dar l-Impenn u jqatta' sena rikoverat San Blas, anticedenti ta' serq u reati ohra.

13. Illi, ghandu jigi skjarit, illi matul il-hinijiet ta' access illi kien igawdi minnhom il-konvenut, kien ta' spiss ikun fis-sakra u anke jorqod, waqt li t-tfal kien ikollhom jghinu lil missierhom jidhol fil-kamra tas-sodda tieghu. F'okkazjoni wahda l-intimat tant kien f'sakra, li beda jinsulta u jhedded li kien sejjer joqtol lit-tifla l-kbira taghhom, Emma. It-tifla E tant kienet bezghat li kienet sakret lilha nnifisha fil-kamra taghha ghand il-konvenut, missierha, u cemplet lil ommha li gabritha ftit tal-hin wara. F 'dan il-jum partikolari, il-konvenut sakkar ukoll lilu nnifsu w lit-tifla z-zghira taghhom fil-gallarija u rrifjuta li jhall lit-tifla zghira tmur id-dar mal-esponenti, ommha.

14. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata illi tipprezenta kawza kontra l-konvenut, permezz tad-digriet f'dan is-sens, moghti minn dina l-Onorabbli Qorti, tat-2 ta' Ottubru 2020, (hawn anness u mmarkat bhala Dok F).

Ghaldaqstant, l-esponenti qeghda titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, jghogobha, ghar-ragunijiet premessi :

i) Tordna u tiddikjara illi l-ahjar interess tal-istess tifla minuri, bint il-kontendenti, FD, illi l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri tigi fdata lill-esponenti, l-imsemmija AB ommha ;

ii) Tordna u tiddikjara illi ghaliex l-attrici, kif inghad, sejra titlaq minn Malta biex tmur tghix gewwa l-Germanja, huwa fl-ahjar interess tal-istess tifla minuri, bint il-kontendenti, FD, illi l-imsemmija minuri titlaq minn Malta u tghix mal-attrici ommha gewwa l-Germanja.

iii) Tawtorizza lill-imsemmija attrici, sabiex, f'data stabbilita minn dina l-Qorti, fl-eventwali sentenza taghha, titlaq minn Malta u tiehu maghha lil bintha minuri, FD, sabiex tghix maghha gewwa l-Germanja, u dan nonostante kull ordni mod iehor ottenut mill-kontendenti jew min minnhom inkluz Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tiehu minuri barra minn Malta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, u tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 115/2020/2 kontra l-istess konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' CD,** datata 10 ta' Dicembru 2020, fejn eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrenti, ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet, kif impostati huma legalment insostenibbli. Dan ghaliex l-att pubbliku tal-4 ta' Gunju, 2009 ma giex imfassal, maqbul mir-rikorrenti, u awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti fuq il-premessa

tad-distanza bejn il-missier u l-minorenni FD, biex b'hekk kieku din l-Onorabbli Qorti kellha taccedi ghat-talbiet ghar-rikorrenti kif impostati, tkun qeghda thassar u tannulla l-att pubbliku premess, ghax li in parte, minghajr talba ghaldaqstant.

2. Fit-tieni lok, ghalhekk, b'zieda mal-premess, fic-cirkostanzi, ma tezisti ebda raguni sabiex din l-Onorabbli Qorti titbieghed mill-principju gvernanti ta' pacta sunt servanda.

3. Fit-tielet lok, ukoll b'zieda mal-premess, in vista tar-rapport personali, u tal-affett genitorili ezistenti bejn l-intimat u l-minorenni FD, it-talbiet tar-rikorrenti huma ntizi biss ghall-interess personali tar-rikorrenti u ta' zewgha, lesivi mhux biss ghad-drittijiet tal-esponenti missier, izda fuq kollox lezivi ghad-drittijiet tal-minorenni FD u dijametrikament opposti ghall-interessi supermi taghha.

4. Fir-raba' lok, in aggjunta mas-suespost, il-kawza odjerna ma hija xejn ghajr tentattiv ennesimu tar-rikorrenti li taljena lill-minorenni FD, minn missierha u tizvesti lill-istess mill-paternita' effettiva u mid-drittijiet genitorili tieghu.

5. Fil-hames lok, b'zieda mal-premessi, ma hemm ebda raguni valida fil-ligi, sabiex l-intimat jigi svestit mid-drittijiet ta' kustodja tieghu u/jew sabiex din l-Onorabbli Qorti, taccedi ghat-talbiet rikorrenti.

6. Fis-sitt lok, it-talbiet rikorrenti jibqghu nfondanti fil-fatt u fil-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi, u jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-intimat kontra l-istess.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi prodotti.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal, datat 25 ta' Mejju, 2021.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi l-fatti li wasslu ghal din il-kawza huma, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kienu zzewgu fit-2 ta' April 2005 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li llum wahda minnhom ghadha minorenni. Il-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Gunju 2009, u ottjenew d-divorzju fis-27 ta' April 2016. Fil-frattemp l-attrici zzewget lil GB, persuna ta' nazzjonalita' Germaniza, u llum qed titlob li l-minuri FD, bint il-partijiet, tigi fdata fil-kustodja taghha u tmur tghix maghha u ma' zewggha fil-Germanja. Permezz tar-risposta tieghu, il-konvenut qed jopponi li bintu ma tibqax tghix hawn Malta u tmur tghix il-Germanja ma' ommha u r-ragel t'ommha.

L-attrici ressqet bhala provi x-xiehda taghha stess, dik ta' bintha maggorenni ED, u dik tar-ragel taghha GB. Ix-xiehda ta' dan tal-ahhar kienet aktar tikkoncerna r-relazzjoni tieghu maz-zewg ulied, in partikolari mat-tifla z-zghira. Dan qal li jmur tajjeb maghha, haga li giet ikkonfermata mix-xhieda l-ohra u mil-minuri stess

permezz tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal. In sintesi, l-attrici u bintha E t-tnejn pingew stampa xejn felici tal-konvenut. Huma xehdu dwar l-abbuz ta' alcohol tieghu, dwar in-nuqqas ta' presenza tieghu bhala genitur, dwar kif it-tfal it-tnejn ihossu li missierhom qatt ma kien hemm ghalihom. Isemmu diversi incidenti li sehhew kemm waqt iz-zwieg kif ukoll wara s-separazzjoni, waqt il-granet u l-hinijiet ta' access li l-konvenut kellu mat-tfal, li sa dak iz-zmien it-tnejn kienu ghadhom minorenni. Il-Qorti mhix ser tirrepeti d-diversi ezempji li nghataw mill-attrici u minn bintha. Bizzejjed jinghad li l-konvenut gie deskritt bhala l-oppost totali ta' missier ezemplari.

Min-naha tieghu l-konvenut innega l-allegazzjonijiet kollha li saru fuqu. Ammetta li t-tfal kien ilu ma jarahom ghal dawn l-ahhar sena w nofs, wara li nqala' incident maghhom, u li t-tfal ma jridux aktar kuntatt mieghu, ghalkemm hu stqarr li jixtieq ikollu kuntatt maghhom. Innega li ghandu problema ta' abbuz tal-alcohol, u qal li meta kien ta' eta' hafna izghar kien esperimenta bid-droga bhal ma ghamlu hafna ohrajn. Wera li hu ddispjacut ghal mod kif ir-relazzjoni tieghu mal-bniet hija wahda infelici, u ta' dan attribwixxa t-tort lill-attrici.

Apparti dawn ix-xhieda, kien hemm ukoll ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal, li rrapportat x'kienu x-xewqat tal-minuri FD. It-tifla wkoll irrakkontat episodji tal-hajja taghha fejn qalet li l-konvenut kien jixrob u jkun fis-sakra u li hi kellha tkun il-genitur u tiehu hsiebu. Ghamlet sena tghix mieghu bil-kunsens ta' ommha ghax kellha argument ma' ommha stess, u qalet li dak kien risultat ta' kemm missierha kien manipulattiv maghhom. Dwar il-possibilita' li tmur tghix il-Germanja ma' ommha u r-ragel t'ommha, hi qalet li ghalkemm hemm certu biza', xorta tixtieq tghix ma' ommha, ma'  G u ma' huha z-zghir. Qalet ukoll li ma' missierha ma kellhiex relazzjoni, u ghalhekk jekk tmur tghix il-Germanja mhix sejra thoss in-

nuqqas tieghu. Jekk hu jrid, jista’ jaghmel kuntatt maghha, u hi ser tinzel Malta ta’ spiss biex tara lin-nanniet, lil ohtha l-kbira, u lill-‘boyfriend’ taghha. Ghalhekk jekk missierha jrid ser ikollu mezz u hin li jiltaqghu. Qalet pero’ li missierha ghandu l-ewwel jirranga hajtu qabel ma jipprova jaghmel kuntatt maghha.

Mill-provi prodotti l-Qorti rat li din il-familja kienet mibnija fuq instabilita’ konsiderevoli, liema instabilita’ giet miz-zewg genituri. Il-Qorti mhix sejra tqis l-allegazzjonijiet li saru fuq il-missier, jekk dawn humiex veritjieri jew le. Dawn ftit li xejn m’huma ser ibiddlu l-esitu tal-kawza. Huwa ammess li l-konvenut m’ghandux relazzjoni ma’ uliedu. Kienet x’kienet ir-raguni ghal dan l-istat ta’ fatt, ftit ser ibiddel il-fehmiet tal-Qorti fuq dan il-kaz. Il-Qorti trid tara biss x’inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Jekk it-talbiet jintlaqghu u hi tmur tghix il-Germanja, x’jistghu jkunu l-konsegwenzi ghaliha? U jekk ma tintlaqax it-talba u ma tithalliex titlaq u jkollha tibqa’ Malta, min ser ikollu l-kura w kustodja effettiva taghha? Il-konvenut ma gab ebda pjan jew hsieb ta’ kura ghal bintu fil-kaz li l-Qorti ma tilqax it-talbiet attrici. Bhala genitur ta’ F il-Qorti kienet tippretendi li l-konvenut b’xi mod indika lill-Qorti x’kellu f’mohhu fl-eventwalita’ li Julia ma tithalliex tmur il-Germanja ma’ ommha, aktar u aktar fid-dawl li hu m’ghandu ebda relazzjoni ma’ bintu. Izda ma hemm ebda pjan f’dan is-sens. Ghalhekk il-Qorti ftit tista’ tifhem l-opposizzjoni tal-missier ghall-kawza.

Jidher li l-ahjar interess tal-minuri hu li tithalla ssiefer ma’ ommha, tenut kont li ma’ missierha ma hemm ebda rabta. Huwa minnu li hemm incertezza f’dan il-pass, izda m’huwiex wisq aktar differenti milli wiehed ibiddel ir-residenza ta’ fejn joqghod u mar-residenza tinbidel l-iskola tat-tfal, basta din il-haga ma tigrix ta’ spiss u ssir l-ordni tal-gurnata, bhal ma donnu gara s’issa fil-hajja tat-tfal u tal-attrici. Hija tassew hasra li t-tfal ihossuhom daqshekk maqtughin minn

missierhom, u l-Qorti hi konvinta li fil-gejjieni ser ikollhom il-htiega li jirreferu ghal missierhom ghal diversi affarjiet f’hajjithom. Kull tifla jkollha bzonn tirrikorri ghaz-zewg genituri f’hajjitha, u l-presenza taz-zewg genituri hija importanti. Huwa tajjeb li l-konvenut jifhem li ghandu jkun hemm ghalihom meta dawn ser jigu bzonnu. Ghandu jaghmel l-isforz hu biex jerga’ jinbena pont bejnu u bejnhom. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jinzamm kuntatt anke jekk biss b’mod virtwali bejn il-minuri u l-konvenut. Il-Qorti sejra thalli l-partijiet liberi li jiftehmu bejniethom dwar dan il-kuntatt. Il-minuri ghandha l-eta’ taghha u l-Qorti ma thossx li f’dawn ic-cirkostanzi partikolari ghall-ahhar ghandha timponi xi granet jew hinijiet ta’ access. Importanti li l-konvenut jaghmel l-ewwel pass biex terga’ tinbena relazzjoni bejniethom.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa’ t-talbiet attrici.

i) Tordna u tiddikjara illi l-ahjar interess tal-istess tifla minuri, bint il-kontendenti, FD illi l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri tigi fdata lill-attrici;

ii) Tordna u tiddikjara illi ghaliex l-attrici sejra titlaq minn Malta biex tmur tghix gewwa l-Germanja, huwa fl-ahjar interess tal-istess tifla minuri, bint il-kontendenti, FD, illi l-imsemmija minuri titlaq minn Malta u tghix mal-attrici ommha gewwa l-Germanja.

iii) Tawtorizza lill-imsemmija attrici, sabiex, mill-20 ta' Awwissu, 2021, titlaq minn Malta u tiehu maghha lil bintha minuri, FD, sabiex tghix maghha gewwa l-Germanja, u dan nonostante kull ordni mod iehor ottenut mill-kontendenti jew min minnhom inkluz Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tiehu minuri barra minn Malta.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep. Reg.**